

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-30 ta' Ġunju 2011 —  
Imagion vs UASI (DYNAMIC HD)**

(Kawża T-436/08) <sup>(1)</sup>

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark  
Komunitarja verbali DYNAMIC HD — Raġuni jiet assoluti  
għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta'  
karattru distintiv miksub bl-użu — Artikolu 7(1)(b) u (3)  
tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u  
(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

(2011/C 238/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Imagion AG (Trierweiler, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Blatzheim, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Awwissu 2008 (Każ R 488/2008-4), dwar applikazzjoni għal regiestrazzjoni tas-sinjal verbali proċedimenti DYNAMIC HD bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Imagion AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 327, 20.12.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Lulju 2011 —  
i-content vs UASI (BETWIN)**

(Kawża T-258/09) <sup>(1)</sup>

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark  
Komunitarja verbali BETWIN — Raġuni assoluti għal rifjut —  
Karattru deskrrittiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub  
permezz tal-użu — Artikolu 7(1)(c) u (3) tar-Regolament  
(KE) Nru 207/2009 — Artikolu 75 u Artikolu 76(1)  
tar-Regolament Nru 207/2009”

(2011/C 238/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: i-content Ltd Zweigniederlassung Deutschland (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Nordemann, sussegwentement minn A. Nordemann u T. Boddien, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġġent)

**Suġġett**

Rikors għal annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-4 ta' Mejju 2009 (Każ R 1528/2008-4), li tikkonċerha applikazzjoni għar-regiestrazzjoni tas-sinjal verbali BETWIN bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (UASI) tal-4 ta'

Mejju 2009 (Każ R 1528/2008-4) hija annullata f'dak li jikkonċerha s-servizzi li ma humiex is-servizzi ta' “ħolqien u żvilupp ta' spettakli, ta' logħob, ta' lotterji, ta' kompetizzjonijiet, ta' ballijiet, ta' tlugħ bix-xorti, ta' konkorsi; produzzjoni, organizazzjoni u tmexxija ta' logħob, lotterji, kompetizzjonijiet, ballijiet, tlugħ bix-xorti, konkorsi ta' kull tip; swali tal-logħob; operat ta' każinos; servizzi ta' stabbilimenti tal-isports, tal-logħob, tal-imħatri u tal-lotterji, inklużi dawk fuq u permezz tal-internet; tqegħid għad-dispożizzjoni ta' faċilitajiet sportivi, tal-logħob, tal-imħatri u tal-lotterji, inklużi dawk fuq u permezz tal-internet; operat ta' swali tal-logħob; tqegħid għad-dispożizzjoni ta' logħob tal-kompjuter interattivi; tmexxija u organizzazzjoni ta' każinos, ta' logħob tal-ażopard, ta' logħob tal-karti, ta' mħatri, ta' mħatri sportivi, ta' logħob ta' abbiltà; kaxxi tal-logħob; operat ta' każinos, operat ta' swali tal-logħob; operat ta' ċentri tal-imħatri u ta' lotterji ta' kull tip”, li jaqgħu taħt il-klassi 41 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u s-servizzi “ħolqien u żvilupp ta' spettakli, ta' logħob, ta' lotterji, ta' kompetizzjonijiet, ta' ballijiet, ta' tlugħ bix-xorti, ta' kompetizzjonijiet f'termini ta' negozju, tal-organizzazzjoni u tar-reklamar”, li jaqgħu taħt il-klassi 35 tal-imsemmi ftehim.

(2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 205, 29.08.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Lulju 2011 — Audi u Volkswagen vs UASI (TDI)**

(Kawża T-318/09) <sup>(1)</sup>

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark  
Komunitarja verbali TDI — Raġuni assoluti għal rifjut —  
Karattru deskrrittiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub  
permezz tal-użu — Artikolu 7(1)(c) u (3) tar-Regolament  
(KE) Nru 207/2009 — Artikolu 75 u Artikolu 76(1)  
tar-Regolament Nru 207/2009”

(2011/C 238/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Audi AG (Ingolstadt, il-Ġermanja) u Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Kather, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Mejju 2009 (Każ R 226/2007-1), dwar applikazzjoni għar-regiestrazzjoni tas-sinjal verbali TDI bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Audi AG u Volkswagen AG huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, 07.11.2009.